MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR. DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2001

Avvi$Z Numru. 284/1995/1

**Avviz Nru:- 284/95**

**Adrian Mifsud ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' S. Mifsud and Sons Limited, u dina bhala mandatarju specjali ta' Neptune Shipping Agencies Ltd., socjeta' barranija**

**vs**

**Joseph Apps u l-Professur Ian Refalo ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Sea Malta Co. Ltd.**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' mija u tmienja u tletin liri Maltin u hamsin centezmi (Lm138.50c) jew l-ammont likwidat min din il-Qorti, rappresentanti ammont ta' demurrage, kalkolat abbazi ta' kondizzjonijiet tal-polza tal-karigu relattiva,

stante li whud mill-containers destinati ghal Marsilja gew skarikati f'Livorno bi zball da parti taghhom.

Bl-imghax mid-data tal-presenti, u bl-ispejjez komprizi dawk taz-zewg ittri legali kontra l-konvenuti, li minn issa gew ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccipew:
1. Illi l-ammont reklamat bhala demurrage mill-attur huwa eccessiv billi r-rata applikabbli ghall-istess ma ghandhix tkun dik li tigi applikata fir-rigward tar-ricevuti tal-merkanzija imma ghandhom jigu applikati l-Market Lease Rates li huma ta' USD 1.70 ghal kull 20 DV container.
2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta' Ottubru 1996 fejn il-konvenuti eccipew ulterjorment;
1. L-inkompetenza tal-Qorti stante li l-kwistjoni hija ta' natura marittima.
2. Id-dekadenza ta' sena a tenur tal-carriage of goods Act u ta' tliet xhur a tenur 20 tal-polza, dokument AM3.
3. In-nuqqas ta' responsabbilta' tal-konvenuti a tenur ta' l-artikolu 5 tal-istess Bill of Lading.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-attur nomine.

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:

Dwar l-eccezzjonijiet ulterjuri sollevati mill-konvenuti, l-atturi ikkontestaw il-validita' ta' l-istess eccezzjonijiet billi huma jsostnu illi l-Qorti m'ghandix tiehu konjizzjoni taghhom peress li dawn ma gewx introdotti fl-atti permezz ta' nota formali.

F'dan ir-rigward il-Qorti ghandha tirrileva illi l-proceduri quddiem din il-Qorti huma ta' natura sommarja u l-istess

procedura civili ma tipprovdix ghan-nota ta’ l-eccezzjonijiet formali illi tigi pprezentata quddiem din il-Qorti. In fatti n-nota ta’ l-eccezzjonijiet tigi pprezentata fl-atti quddiem din il-Qorti, fejn il-proceduri huma sommarji, iktar biex jigi ffacilitat l-andament tal-kawza quddiem il-Qorti milli minhabba rekwizit formali tal-procedura civili.

Ghaldaqstant il-Qorti taccetta bhala validi l-eccezzjonijiet ulterjuri sollevati fis-seduta ta’ l-24 ta’ Ottubru 1996.

Bl-ewwel eccezzjoni ulterjuri, il-konvenuti qeghdin jeccepixxu l-inkompetenza ta’ din il-Qorti statne illi l-kwistjoni hija ta’ natura marittima.

Ghalkemm il-konvenuti ma hassewx il-htiega illi jiccaraw fid-dettal il-bazi li fuqha huma qeghdin iserrhu l-eccezzjoni taghhom ta’ inkompetenza, jidher illi qeghdin isostnu illi din il-Qorti m’hijiex kompetenti illi tiehu konjizzjoni ta’ ebda kwistjoni li tirrigwarda il-ligi marittima f’kull kaz fejn dawn il-kwistjonijiet kienu qabel l-1995 riservati ghal quddiem il-Qorti tal-Kummerc.

Billi dan l-avviz gie pprezentat wara l-1995 u ghalhekk wara illi gie introdott l-Att 24 tal-1995, il-Qorti trid tezamina jekk dak illi qabel kien riservat ghall-Qorti tal-Kummerc, meta fl-1995 giet imnehhija l-Qorti tal-Kummerc, jekk dak kollu li kien f’kompetenza taghha u gie mghoddi lill-Prim’Awla tal-Qorti Civili, ghandux jigi nterpretat illi anke’ llum il-kwistjonijiet kollha gia’ ta’ kompetenza tal-Qorti tal-Kummerc, humiex kompetenza esklussiva tal-Prim’Awla tal-Qorti Civili bl-eskluzjoni tal-Qorti tal-Magistrati.

Il-posizzjoni odjerna hija illi m’hemm ebda referenza fil-Kodici tal-Procedura ghal-Qorti tal-Kummerc, u ghalhekk ir-regoli illi jistabbilixxu l-limiti ta’ gurisdizzjoni ta’ kull Qorti huma dawk illi jirrizultaw mill-Kodici tal-Procedura kif inhu llum, u ghalhekk fin-nuqqas ta’ ebda artikolu illi jirriserva ghall-Prim’Awla tal-Qorti Civili il-kwistjonijiet marittimi, dawn il-kwistjonijiet ghandhom jitqiesu bhal kwalunkwe kwistjoni ohra ta’ natura civili u ghalhekk huma applikabbli r-regoli generali.

Oltre r-regoli generali li jiddefinixxu l-limiti ta’ gurisdizzjoni ta’ kull Qorti, fil-Kodici tal-Procedura hemm ukoll regoli specjali li jirrizervaw ghall-Prim’Awla tal-Qorti Civili kwistjonijiet ta’ natura determinata illi ma jinkludux fihom pero’ kwistjonijiet marittimi.

Ghaldaqstant billi din il-Qorti hija kompetenti skond ir-regoli generali tal-Procedura Civili u l-kompetenza taghha dwar kwistjonijiet ta’ natura marittimi mhijix eskluza minn xi artikolu partikolari tal-Kodici tal-Procedura kif inhu llum, tiddikjara ruhha kompetenti li tiehu konjizzjoni tal-kwistjoni odjerna u tichad l-ewwel eccezzjoni preliminari ulterjuri sollevata mill-konvenuti.

F’dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza wkoll ghad-decizjoni moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fil-21 ta’ Novembru 1995, fil-kawza fl-ismijiet “Leslie Causon nomine kontra Ernest Sullivan nomine et’, Avviz Numru 14/94, fejn il-Qorti kienet irriteniet: Illi l-att XXIV ta’ l-1995 li emenda l-Kodici ta’ Organizzazzjoni tal-Procedura Civili biddel ir-retroxena kollha.

Skond l-artikolu 15 ta’ l-att fuq citat, l-Artikolu 38 tal-Kap 12, cioe’ l-artikolu li fuqha kienet ibbazata l-eccezzjoni tal-konvenuti gie abbrogat. Dan ifisser illi llum tnehhiet id-distinzjoni bejn il-Qori tal-Kummerc u dik tal-Prim’Awla tal-Qorti Civili, u ghalhekk baqghu japplikaw il-principji ta’ kompetenza ratione valoris.

Illi l-Att 24 ta’ l-1995 ai termini ta’ l-Artikolu 362(1) ta’ l-istess Att, huma applikabbli ghall-kawzi kollha pendenti quddiem il-qrati Maltin; u dik il-Qorti cahdet l-eccezzjoni tal-inkompetenza ukoll sollevata f’dik il-kawza.

Bit-tieni eccezzjoni ulterjuri, il-konvenuti qed jeccepixxu wkoll id-dekadenza ta’ l-azzjoni attrici billi ghaddew it-tliett xhur imsemmija fl-artikolu 20 tal-polza tal- karigu, dokument AM3, jew il-perjodu ta’ sena a tenur tal-Carriage of Goods Act illi huwa l-att applikabbli ghal din il-kwistjoni.

L-artikolu 20 imsemmi fl-eccezzjoni tal-konvenuti jipprovdi hekk:

“In any event the company shall be discharged from any liability unless suit is brought within three months after delivery or the date the goods should have been delivered”.

U dan l-artikolu huwa intitolat ‘notice of loss or damage, time for suit’.

L-artikolu ma jitkellimx specifikament dwar kwistjonijiet ta’ demurrage bhal kif inhu l-kaz prezenti; u ghalhekk ma jistax jigi lanqas applikat ghal din il-kwistjoni, senjatament meta l-istess polza ta’ karigu tipprovdi ghal regoli ohra illi jirrigwardaw il-kwistjonijiet ta’ demurrage. In fatti jirrizulta li fuq il-pagna faccata ta’ l-istess polza ta’ karigu, dokument AM3 a fol 19 tal-process, dwar “container and vehicle demurrage”, “attention is drawn to the carriers terms and conditions for containers and vehicle demurrage which apply to this contract and which may be obtained from the carriers or their agents”.

Ghalhekk fin-nuqqas ta’ prova dwar x’inhuma r-regoli miftiehma bejn il-kontendenti dwar il-kaz ta’ demurrage minhabba dewmien fil-konsenja tal-containers, il-Qorti ikollha tapplika r-regoli generali. Taht ir-regoli generali, kwistjoni ta’ preskrizzjoni tista’ tigi ezaminata biss jekk tigi sollevata mill-parti konvenuta, u f’dan il-kaz il-konvenuti ssollevaw biss il-preskrizzjoni ta’ sena li tohrog mill-Carriage of Goods Act.

Billi l-konsenja tal-containers in kwistjoni giet fil-fatt maghmula fid-19 ta’ Jannar 1994, abbazi ta’ l-att imsemmi it-talba attrici kellha tkun preskritta fid-19 ta''Jannar 1995. Dan il-perjodu pero’ gie interrott bl-ittra tal-konvenuti tal-11 ta’ Mejju 1994 fejn irrikonnoxxew ir-responsabbilta’ taghhom ghad-dewmien u ghamlu offerta biex jitterminaw il-kwistjoni b’mod amikevoli li pero’ ma gietx accettta mill-atturi. Ghalhekk il-perjodu ta’ preskrizzjoni gie estiz sal-11 ta’ Mejju 1995.

Billi l-azzjoni odjerna giet intavolata fit-22 ta' Marzu 1995, allura il-perjodu preskrittiv ta' sena kien ghadu ma iddekadiex kollu u ghalhekk il-Qorti qeghda tirrespingi wkoll it-tieni eccezzjoni ulterjuri sollevata mill-konvenuti.

Dwar it-tielet eccezzjoni ta' nuqqas ta' responsabbilta' ghall-konvenuti, il-Qorti ghamlet referenza ghall-artikolu 5 tal-polza ta' karigu kif citat mill-konvenuti, izda ma ssib xejn illi huwa jista' jezimi lill-kumpanija mir-responsabbilta' ghan-nuqqas ta' konsenja tal-containers senjatament minhabba illi fl-ittra tal-11 ta' Mejju 1994 l-istess konvenuti kienu diga' indikaw illi huma qeghdin jassumu r-responsabbilta' ta' dan id-dewmien. In oltre r-responsabbilta' indikata fl-Artikolu 5 hija limitata ghal dik ir-responsabbilta' illi tirrigwarda it-telf jew danni fil-merkanzija ttrasportata u mhux fid-dewmien tal-konsenja tal-containers.

Ghaldaqstant il-Qorti qeghda tichad ukoll it-tielet eccezzjoni ulterjuri sollevata mill-konvenuti.

Dwar l-eccezzjoni principali illi t-talba attrici hija esagerata, ghalkemm ma ingibux provi dwar x'inhuma ir-rati korrenti tal-kiri ta' containers tat-tip involuti f'din il-kwistjoni, il-Qorti hija sodisfatta illi r-rati applikati mill-atturi kif jirrizultaw fin-nota minnhom esebita a fol 12 tal-process, dokument AM2, huma rati ragonevoli u l-Qorti qeghda tikkonfermahom.

Ghaldaqstant il-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha sollevati mill-konvenuti, qeghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi s-somma mitluba ta' mija tmienja u tletin liri Maltin u hamsin centezmi (Lm138.50c) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.

Bl-imghax legali b'effett mit-22 ta' Marzu 1995.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

--------------------------------TMIEM-------------------------------